Kollox bla ħsieb

Ħelwa, għaqlija, ħawtiela, qawwija, Nina Buħaġar kienet tabilħaqq ta' min jeħodha b'martu. "Donnha erħa", "donnha għoġla"; "fihiex għaxqa?" "idejha tad-deheb, kull ma jaraw jagħmlu", kienu jgħidu l-ibdiewa meta tgħaddi mit-triq għall-knisja jew għax-xirja. B'dan kollu ma kellha l-ebda tama li tiżżewweġ billi kienet xellfet it-tletin. Mhux għax ħadd qatt ma riedha! Minn l-għoxrin sas-sebgħa u għoxrin sena kellha kemm-il talba għaż-żwieġ—minn wieħed it-tarżna, minn għalliem fl-iskejjel tal-Gvern, minn skrivan ma' dar il-Belt, minn oħrajn. Minn dawn ħadd ma għoġobha; ix-xbejba riedet xi tabib jew spiżjar, ġie li ġietha x-xewqa għal xi ħadd akbar ukoll. Imma minn dawn qatt ħadd ma deher u hi kienet għadha f'dar iz-ziju u mhux f'darha, xebba u mhux mara u omm kif kienet xewqetha. Għedna moqbejl l-ibdiewa għax hi kienet firraħal ta' . . . . . f'Għawdex ma' zijuha, il-kappillan ta' dak irraħal. Hi kienet iġġibu lil dan u ma riedet qatt tinġabar f'Malta fejn twieldet u fejn kienu niesha, ommha u missierha u oħtha, akbar minnha. Aktar u aktar ma ridetx tħallih waħdu meta wara li kellu d-deni biered, qabdu ramattiżmu li ma ried jerħih b'xejn. F'dan iż-żmien li zijuha kien igħolli għajta fl-art u oħra fis-sema bl-uġigħ, ommha mardet, imma hi, għalkemm marret ratha aktar minn darba, dejjem reġgħet l-ura għal Għawdex, mhux għax lil ommha ma kinetx tħobbha, imma għaliex kellha f'rasha li zijuha kien jinħtieġha, u ommha kellha 'l oħtha u 'l missierha.

Għodwa waħda fiż-żmien ta' dan il-għawġ f'darha, Nina qamet bil-buli sewwa. Mal-lejl ftit kienet raqdet, hewdnet bosta u ħolmot bil-laħam, bil-ħelu, bil-għeneb, ħolm li, kif jaħsbu bosta u kif għaddet hi, kien jeħber hemm, dwejjaq u dmugħ. Mill-ewwel moħha tar f'ommha u nfexxet tibki bħal tarbija. "Ommi ġralha xi ħaġa, ommi mietet u ħallewni fil-għama. Qalbi sewda sbaħt, se jiġrili xi ħaġa l-lum, qatt ma ħlomt ikreh daqs dal-lejl! Jekk ma ħadux xi ittra minn għand ħija u qallhom li jinsab marid jew midrub. Jekk ma tawhomx il-bxara li ħija qatluh fil-ħarb." Issuktat tħammem fuq dak li jista' jiġri lilha u lil niesha. Taħseb fuq il-hemm li ġa waqa' fuqhom u li kellu, kif ħasbet hi, jaqa' fuqhom, ftakret fin-niket ta' bosta djar li baqgħu bla missier, ta' bosta ommijiet li tilfu 'l uliedhom, ta' xebbiet li sfaw bla għarus, ta' aħwa li tilfu 'l ħuhom, ta' nies li ġarrfulhom djarhom, ta' nies li ħallewhom bla ħabba. Iż-żmien li kienet fih Nina kien żmien il-Gwerra l-Kbira. Anqas laħqet xorbot belgħa tè li ma ħabbatx il-bieb.

"Hawn aħna," qalet kif rat pulizija meta fetħet. "X'inqala'?" staqsietu.

"Jiena ħbatt tal-għassa", beda dak nofsu jtemtem. Barra li kien għadu ġdid fix-xogħol, ftit kien għamilha ma' nies. Ma kienx jaf kif iżerżqilha l-bxara.

"Għidli, għidli malajr u taħbi xejn" qabżet qaltlu dik b'għoqla tielgħa fi griżmejha.

"Ċemplu minn Malta. Bagħtu jgħidulek biex tmur Malta malajr. Oħtok ċemplet."

"Għedt jien, ma ħlomtx bl-egħneb u bil-ħelu għalxejn L-egħneb dmugħ u d-dmugħ wasal. Ruħi ommi, ruħi ommi kif ħallejtna". Għamletha mejta bla ma l-ieħor qalilha hekk. Ġriet tixher għand zijuha, Xejn ma sewha li dan qalilha li ma kellhiex għalfejn tiddejjaq hekk, li dak li qaltlu fuq l-egħneb kienu kollha ħmerijiet, u li kien muġugħ dak in-nhar aktar milloħrajn, li talabha tibqa' miegħu. Riedet tmur, ma ħallietu jdawwarha b'xejn, ħasbitu li ried iqarraq biha u jżommha sa ma jieħdu 'l ommha.

"Nibqa' sejra issa, ma nitlefx ħin."

Niżlet l-Imġarr u sabet dgħajsa b'sajjied fiha. "Twassaln Malta ?"

"Isbaħ din !" B'għajn waħda, b'ħalq daqsiex, bla snien iswed tuta, imkemmex kollu, is-sajjied kien ikrah tagħmel seba slaleb. Kien għadu l-ħin meta telqu: is-sitta u nofs ta' fil-għodu anqas kienu għadhom ma daqqu.

Bejn għax weħedha miegħu, bejn imħabba l-lewn ikħal dagħmieni sewwa ta' l-ilma, bejn imħabba kruhitu u mgibtu bdiet titwaħħxu. "Ma jogħġobni xejn dal-ħars kollu tiegħu lejja, kielni bil-ħars," qalet f'qalbha. Sew sew f'dak il-waqt, issajjied waqaf mill-qdif, dar lejha u, bi tbissima li aktar kerrhitu u b'għemża tal-għajn mifqugħa li aktar waħħxitha, qalilha : "Qed tibża' minni hux ?"

Imsarenha niżlu f'saqajha x-xbejba b'dak kliemu. Ma weġbitu xejn.

"Ikolli ngħid se jqum ir-riħ."

"Għaġġel ftit, ommi qed tmut", qaltlu kif qabżu Kemmuna. "Aħjar, tiretha jekk għandha u teħles minnha jekk ma għandhiex," weġibha kif ċarrat ħalq daqsiex biex tbissmilha. Tkexkxitu aktar u aktar u ma qabdetx tixher u tgħajjat għallgħajnuna għax beżgħet li jwaddabha l-baħar u jgħarraqha malli tiftaħ fommha.

Kif qal is-sajjied, iż-żiffa żdiedet u nbidlet f'riħ. Mar-riħ qamet iċ-ċafcifa u d-dgħajsa minnflok qorbot lejn l-art, aktar tbiegħdet, ukoll meta s-sajjied qadef b'akbar qawwa u b'aktar ħeffa, ukoll meta qadef b'moqdief wieħed kontra r-riħ. Dam issajjied jitħabat biex jersqu lejn l-art, ma kollu kien għalxejn, il-bogħod ta' bejniethom aktar kiber. "Jaqbel li ngħajtu biex jeħilsuna" qalilha. Nina ħasbetu li dak kien qed jagħmel kollox

bil-għan, u għalhekk werżqet għajnuna aktar biex teħles minnu milli għax emmnitu li ma seta' jagħmel xejn. L-għajjat tagħha ma sewa għal xejn għajr biex ikattrilha għommitha.

Ir-riħ baqa' jonfoħ u huma baqgħu jitbieghdu mill-art sakemm din bdiet bħal titgħatta bi star irqiq li dejjem baqa' jeħxien sakemm ksieha għal kollox, sakemm ma dehretx aktar.

Il-baħar beda jaħsilhom u xi mewġa bdiet tħalli ftit ta' l-ilma minn tagħha ġo d-dgħajsa wkoll. It-tbandil tagħha żdied.

Nina xehret bil-biża', u bix-xhir theddlet. Intelqet fuq il-maqgħad u tebqet għajnejha. Lewnha sar lewn ix-xema'.

"Għejejt, jeħodna r-riħ għand il-friegħen", qal b'leħen ta' wieħed qalbu maqtugħa kif qagħad ħdejha bil-qiegħda. Mess magħha sewwa.

Dik indehxet kif ħassitu magħha u bla ma għarfet x'inhi tagħmel imbuttatu minn ħdejha b'herra.

"Mela ma taħmilnix eh, wara li se nitlef ħajti mħabba fik ?" staqsieha jew heddidha kif reġa' resaq ħdejha.

"Zul, żul, warrab minn ħdejja", werżqet dik.

"Werżaq, werżaq, anqas gawwi ma hawn biex jisimgħek u jgħinek. Int ma taħmilnix, int tistmellni wara li jiena nħobbok, ja qalb ta' qalbi ?"

Qiegħed idejh iebsa, kollha kallijiet fuq għonqha bajdani, u ħabat imellisha.

"Neħħi idejk minn fuqi, warrab minn ħdejja !" xehret l-imsejkna.

"Kemm int tifla latifa. Hekk inħobbhom jien ix-xebbiet," qalilha kif ġibidha lejh u biesha.

Nina ħasset ruħha se tiġġennen b'dik l-imġieba sfiqa tiegħu; berrqet għajnejha aktar minn ta' baqra, lagħbitlu daqqa ta' ħarta li faqqgħet ukoll qalb ħsejjes mewġ il-baħar u waqfet b'għajnejn ileħħu u jibbru quddiemu, theddida waħda.

Dak ħass wiċċu jaħraq, xtaq igħajjibha fuq li għamlitlu jew iwaddabha l-baħar, iżda ma għamlilha xejn, beża': kien imiss lilu li jibża'; qara minn għajnejn ix-xebba li demmha xehba u li saret bħal tigra se taqbeż biex tiggranfa u ċċarrat u toqtol.

Nina ħarbet minn ħdejh, telgħet ħada r-rota. "Ma tafx tiċċajta", qallha biex iraqqdilha demmha u jbiġġel imġibtu, "mur missek, ma għamiltlek xejn wara kollox, ħabbejtek". Ra biċċa tal-ħarb riesqa b'ħeffa tal-għaġeb u għaraf li dik setgħet tixħtu f'qiegħ ta' ħabs fuq kliemu jekk tixlih.

"Ngħallmek jien, ja pastaż".

"Niżżu ħajr 'l Alla li ħlisna mill-għarqa, ara lemħuna u ġejjin lejna."

"Ħelisni minn fejnek, inħallsek jien", ħedditu dik.

"Kif bi ħsiebek twassalni?" staqsieha.

"Jekk taqta'!"

Bilkemm setgħet iżżomm wieqfa ħada r-rota bit-tbandil tad-dgħajsa. Is-sajjied ra dan, fehem minn leħenha li kellha rasha' iebsa, ried jeħles minnha, waqaf u miel f'daqqa lejn naħa, hekk kif il-baħar bandal id-dgħajsa lejn dik in-naħa. Id-dgħajsa tbandlet l-hinn u beżqet lix-xebba fl-ilma.

"Għereq ja kelba" nebaħ warajha.

"Għini, tellagħni, ma nixlikx".

"Ixlini kemm trid, anqas jekk trid ma tista'" daħak dak biha. Ir-riħ kien ġa begħidhom minn xulxin biċċa sewwa.

"Ma nafx ngħum, ma nafx ngħum", qaltlu biex iħenn għaliha, "se ninġazza bil-ksiħ, se negħreq". Qaltlu hekk biex jerfagħha mill-ilma mhux għax ma kinetx taf tgħum.

"Alla jħarisni jekk ma tegħrekx", nebaħ dak warajha.

Rajjes il-ġifen kien raha nieżla l-baħar u dawwar il-ġifen tal-ħarb lejha. Ma għaddiex ħin wisq qabel ma kienet barra mill-ilma u ħada n-nar biex tisħon. Ferħet meta sabet ruħha fuq ġifen taljan iżda l-ferħ tagħha rqaq u għab għal kollox meta r-rajjes għarrafha li ma setax idawwar lejn Malta billi kien għassa għal *submarine* u kellu amar ma jidħolx qabel erbat ijiem.

Is-sajjied kien fil-ħabs tal-ġifen fuq li xlietu Nina. Weħedha reġgħet ftakret f'ommha u f'ħutha u ħammret għajnejha bil-biki. Ma setgħet titfarraġ b'xejn. Ġiebet quddiem għajnejha l-imħabbà lejha ta' ommha meta hi kienet għadha daqsxejn ta' tfajla, l-ilbies li kienet tlibbisha, il-flus li ħallsetilha fl-iskejjel; semgħet mill-ġdid il-kliem ħlejju tagħha, kollu faraġ, kollu tama, kollu mħabba; ftakret f'imġibtha kollha ħlewwa, kollha mogħdrija; ftakret fl-aħħar żjara għandha kif hi kienet bla tgħemgim għalkemm muġugħa; kollha tbissim u hena mistqarra fuq wiċċha għalkemm qalbha sewda bil-mard; rat 'il ħuha liebes ta' suldat, qalb it-tajn, kollu dmija, bla lewn, mejjet.

Wasal il-lejl u stenniet li l-Ġermaniżi jaħbtu għalihom b'qawwa akbar minn tagħhom. Xejn ma sewa l-kliem tar-rajjes li ma kellhiex x'tibża', li l-miġfna taljana kienet qawwija fuq li qawwija u li din qatt ma kienet bgħid wisq minnhom. "Int taf aktar minni kemm il-Ġermaniżi għandhom ħila u qlubija."

"Naf aktar minnek dan li l-isem tat-Taljani hu biżżejjed waħdu biex iregħidhom."

"Iriegħed lill-Ġermaniżi?" Kellha qalb tidħak bil-ftaħir tiegħu "iregħidhom."

Anqas laħaq temm il-kelma li ma semgħux ħoss kbir, tre-

għida mal-ġifen kollu, tfaqqigħ ta' ħgieġ, krib ta' midruba, agħjat għal għajnuna, agħjat li kienu qegħdin jegħerqu. Ir-rajjes tela' jiġri 'l fuq u Nina ġriet warajh imwerwra, ittemtem. Kif laħqet fuq sabet li ġa kienu qed ihejju biex iħallu l-ġifen li kien qiegħed jegħreq sewwa—*torpedo* mill-kbar nett, mitluq mis-submarine li l-ġifen kien qed ifittex, laqtu f'nofsu u għamillu toqba daqshiex u waqqaflu l-magni. Ftit ħin wara li telgħu fuq, *torpedo* ieħor laqat il-ġifen u fetaħ toqba oħra beraħ. Il-ġifen beda jinqaleb lejn dik in-naħa.

F'kemm trodd salib tniżżlu d-dgħajjes u fihom niżel min laħaq, barra l-midruba u Nina li r-rajjes niżżel l-ewwel qabel kulħadd. Il-ġifen ma damx nieżel wisq u miegħu għerqu bosta nies fosthom ir-rajjes li seta' jħalli iżda ma riedx, u s-sajjied li ħallewh imsakkar fejn kien.

Kif għab il-ġifen taħt l-ilma deher ġej is-*submarine* li għarrqu. Min kien jaf igħum qabeż mid-dgħajjes, kulħadd stenna li l-Ġermaniżi jiftħu n-nar fuqhom kif għamlu drabi oħra meta huma ħarġu rebbieħa. Ix-xbejba baqgħet fejn kienet.

Nina kienet tassew iġġiblek ħasra. Imbeżża', imriegħda bil-għarqa tal-ġifen, bil-mewt tar-rajjes, bil-krib tal-midruba, bil-qbiż tal-baħrin għall-baħar, bi kliemhom fuq il-ħruxija u l-kefrija tal-Ġermaniżi, stenniet li tolqotha balla u toqtolha.

Resaq is-*submarine* u minnflok għamel in-nar fuq in-nies tella' fuqu lil dawk li baqgħu f'żewġ dgħajjes fosthom Nina.

"Ajma jommi, x'xorti miegħi, issa nsib ruħi f'ħabs ġermaniż, f'dik it-tbatija u l-ġuħ li jsemmu. Kien imessu r-rajjes ikun wieħed minn dawk li jkasbru n-nisa u jithennew bil-moħqrija ta' għajrhom."

Tellgħuha b'ħass ħażin fuqha. Meta stejqret sabet ħdejha ġermaniż il-ġmiel tiegħu. Kellemha bil-franċiż. Weġbitu bla temtim ta' xejn. Il-franċiż kien l-ilsien li hi kienet tħobb fuq l-ilsna l-oħra kollha li għallmuha u kienet qrat kotba b'dan l-ilsien mhux ftit. Il-Ġermaniż li kien ilu ma jisma' leħen mara aktar minn tliet xhur thenna biha ħafna jismagħha tkellmu bl-ilsien ta' ommu. Meta dratu ftit staqsietu x'sar minnhom il-midruba.

"Hallejthom fejn kienu, ma jistax ikun li nżomm midruba miegħi, ixekkluni, ma hawnx wisa'. Hlist sitta minn nies, aħjar ftit milli xejn".

"Imma dawk midruba, jinħtieġu min igħinhom" qaltlu dik.

"Isibuhom l-iġfna ingliżi, jalla jmissni xorti bħal tagħhom".

"Għala?"

"Għax aktarx li niġi imgħarraq fuq dan is-*submarine*".

"Le, le, Alla jħarsek".

"Bosta ġa messhom din ix-xorti, il-miġfna ingliża hi aqwa minn tagħna: kif sibt ruħek qalb it-taljani?"

Bilkemm ried jemminha meta sema' li ġralha.

"X'taħseb li se nagħmlu bik aħna l-Ġermaniżi?"

"Tixħtuni l-ħabs jew tgħarrquni."

Dak tbissem u weġibha, "Il-lejl li ġej neħilsu minnek."

Raqqet ruħha sa dalam imħabba kliemu.

Meta daħal il-lejl sewwa l-Ġermaniż reġa' mar ħdejha. "X'se nagħmlu bik?"

"Se tgħarrquni".

"Le, nniżżluk Malta,"

"Tidħakx bija, tidħakx bija!"

"Miniex! Qiegħda f'Marsaxlokk, fid-daħla tal-marsa, fil-bejta tad-dorbies."

"Jekk tinqabdu?"

"Igħarrquna. Ma ninqabdux, l-Ingliżi ma jagħmlu xejn magħna." Sejjaħ żewġ baħrin u qallhom biex iwassluha l-art. Niżlu t-tlieta fl-ilma u qadfu lejn l-art. Kif ħarġet mill-ilma u dawk sellmulha biex jitilqu l-ura, raw merżuq dawl qawwi għal fuq is-*submarine* li lmat fid-dawl u li bdiet nieżla. Is-*submarine* ma leħqetx għodsot li ma dehretx bħal leħħa ta' berqa u oħra u oħra u tkarwit bħal tar-ragħad u ħsejjes kbar min-naħa tas-*submarine*. Il-balal tal-kanuni ta' frejgata ingliża għamlu tagħhom—is-*submarine* kien nieżel, nieżel għall-aħħar darba fil-qiegħ. Bosta min-nies tagħha nqatlu jew indarbu u għerqu. Min baqa' sħiħ qabeż il-baħar minn fejn refgħuhom u ħaduhom l-Ingliżi fis-swar tal-Kottonera. "Miet jaħasra dak il-karub ta' Ġermaniż," tnegħdet. Telqet minn hemm għajnejha ħomor u qalbha maqsuma bil-għali fuq li ġara lil dak ir-raġel u lil sħabu.

Meta waslet f'dar ommha sabet lil din tajba u daħkana. It-telefon kienet għamlithulha oħtha għax kien wasal ħuha ħin bla waqt minn Salonka qawwi u sħiħ. Ma qaltilhiex il-għala biex issibu d-dar bla ħsieb.

Kemm għannqitu bil-qalb lil ħuha kif ratu!

Marret miegħu u mħabba fih ħallewha tara lil dawk li ħelsu mill-għarqa meta niżel is-*submarine*. Taret bil-ferħ u qabżet donnha miġnuna u xerrdet dmugħ sħun meta rat fost l-erbgħa li kienu lir-rajjes li kien laqagħha hekk tajjeb, li ħelisha u niżżilha f'artha minnflok f'artu u f'ħabs. Ma ridetx taf b'Għawdex wara dan, kellha tmur oħtha ma' zijuha. Reġgħet marret tara l-Ġermaniż drabi oħra. Mill-ħars u mit-tbissim, mill-kliem u l-ħbiberija kibret dik li kienet ġa nżergħet mill-bidu nett, mill-ewwel laqgħa—l-imħabba ta' bejniethom.

Tliet xhur wara l-għarqa tas-*subwarine* waqfet il-Gwerra l-Kbira.

Tliet xhur wara Nina żżewġet lir-rajjes Ġermaniż bin imħallef u tat-tajjeb. Min kellu jgħidilha li kellha tiżżewweġ Ġermaniż? Kollox bla ħsieb.

K. GĦAĠUŻ.